MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tal-21 ta' Marzu, 2014

Numru. 86/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Nikolai Sant)**

**vs**

**Africa Paya Sanchis**

**Il-Qorti**,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra ***Africa Paya Sanchis*** ta’ 26 sena bint Jose’ Ernesto u Cristina xebba’ Sanchis Carbonell imwielda Spanja nhar l- 14 ta’ Dicembru 1987 u toqghod gewwa No:-33, Flat 2, ‘Feline Apts’, Triq Sir Patrick Stuart, Gzira u detentrici tal-karta tal-identita’ Spanjola bi numru: 44885394C;

Akkuzata talli f'dawn il-Gzejjer  nhar l- 20 ta’ Marzu 2014 u fix-xaharejn ta’ qabel:-

Importat, jew gieghlet li tigi importata jew ghamlet xi haga sabiex tigi importata medicina perikoluza (Cannabis Resin) f'Malta, bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-ligijiet ta' Malta.

Kellha fil-pussess taghha ir-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur ta’ l-Art 8 (a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti rat l-akkuzi,

Rat il-Ligi senjatament l-Art 8 (a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-ammissjoni ta’ l-akkuzata u wara li regghet ingibditilha l-attenzjoni hi regghet ammettiet it-talba.

Il-Qorti ghalhekk issib lill-akkuzata hatja u qieghdha tikkundannaha piena karcerarja ta’ sitt (6) xhur sospizi ghal sena.

Il-Qorti qieghdha wkoll tordna d-distruzzjoni tar-repert ezebit quddiemha llum stess.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------